## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

Appell Numru 504/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**Versus**

**Ian De Cesare.**

Illum 17 ta' Frar, 2021.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Ian De Cesare, detentur tal-karta tal-identita' numru 787950 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta ta' bejn 22.40 u 23.20 bħala l-persuna li f'ismu għandu l-liċenzja tal-ħanut tal-inbid, birra u xorb spirituż bl-isem ta' 'Paranga' li jinsab ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan:

(a) Ippermetta lil Andrea Depasquale Schranz jagħmilha ta' substitute fl-imsemmi ħanut mingħajr liċenzja tal-Awtorita' Kompetenti;

(b) Ippermetta jew ħalla li f'dan il-ħanut isir kant jew ħsejjes li setgħu idejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien;

(c) Daqq jew ippermetta li tindaqq mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li huwa liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li l-mużika baqgħet tisntema' minn barra wara l-11.00 pm.

(d) Ħaddem jew ġiegħel jew ippermetta li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili jew ġiegħel jew ippermetta li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien li joqogħdu f'bini fil-qrib;

(e) U aktar talli ġġesta attivita' kummerċjali bil-permess/bla permess, liema attivita qegħda f'zona urbana u ġġenera storbju li seta' jinstema' minn barra dan il-post u li seta' jikkawża sikkatura jew disturb lill-ġirien u dan b'daqq ta' mużika minn liveband jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-11.00pm u d-9.00 am.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 t'Ottubru 2016 li biha sabet u iddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru (2), (3), (4), u (5) u minnhom illiberatu, sabitu ħati taħt l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-paragrafu (1) u kkundannatu jħallas ammenda ta' €50.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-31 t'Ottubru 2016 li bih talab lil din il-Qorti

tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni iżda tirrevokha u tħassarha f'dik il-parti li biha sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li diversi rapporti ta' disturb provenjenti minn muzika b'volum gholi fil-hinijiet ta' wara l-hdax ta' filghaxija, l-Pulizija accedew fl-istabbiliment bl-isem ta' Paranga fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan. Hemmhekk sabu lil certu Andrea Depasquale Schranz li deher li kellu l-kontroll tal-istabbiliment izda mitlub jipproduci l-licenzja li biha hu awtorizzat jiggestixxi l-bar f'dak l-istabbiliment ddikjara li ma kellu ebda licenzja x'juri u ghalhekk inharget c-citazzjoni odjerna kontra l-imputat li f'ismu ghandu l-licenzja biex jiggestixxi l-istabbiliment Paranga;

2. Dan l-appell ghalhekk huwa limitat ghall-ewwel imputazzjoni, dik illi l-imputat ippermetta lil Andrea Depasquale Schranz jaghmilha ta' sostitut f'dan il-hanut minghajr licenzja ta' l-Awtorita' Kompetenti;

3. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bis-segwenti gravami fejn principalment jargumenta illi l-fond in kwistjoni huwa ristorant u skond il-liġi ma hemmx ħtieġa li għall-ġestjoni tal-istess għandu jkun hemm il-preżenza fiżika tal-licensee u jekk il-licensee ma jkunx preżenti fiżikament li jaħtar minfloku substitute awtorizzat mill-Malta Tourism Authority ghaliex ir-rekwizit li jkun hemm sostitut japplika għall-ħanut tal-inbid, birra u xorb spirituż. Inoltre, ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod il-bar kien qed ikun operat meta l-Pulizija aċċediet fuq il-post;

4. Illi qabel ma jkunu decizi dawn il-lanjanzi jokkori *in primis* li jkunu kunsiderati z-zewg gravami li jsegwu u li huma ta' natura legali fejn l-appellant jallega illi l-fond in kwistjoni huwa ristorant u li bhal kull ristorant iehor ghandu mieghu *area* zghira li sservi bhala bar u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega li l-*licensee* jkun prezenti fizikament waqt il-hin tal-ftuh jew li minfloku jahtar substitute.

5. Għal dak li hu konsiderazzjoni ta' liġi, ir-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 jiddisponi hekk:

'*Il-liċenzja għall-bejgħ ta' inbid, birra jew likuri spiritużi tista', bil-kunsens tal-Prim Ministru, tingħata lil kull persuna li għandha l-eta', kemm-il darba –*

*(a) Il-Kummissarju tal-Pulizija ma jidhirlux li għandu jirrifjuta l-applikazzjoni fuq xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:*

*(i) Li l-kondotta tar-rikorrent, jew tal-mara jew tar-raġel tar-rikorrent;*

*(ii) Li n-numru ta' ħwienet b'dik l-istess liċenzja f'dawk l-inħawi huma biżżejjed għall-bżonnijiet tal-pubbliku;*

*(iii) Li l-post li għalih tintalab l-liċenzja jkun qiegħed, skont il-qies stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-qrib ta' knisja;*

*(iv) Li dan il-post, skont il-qies stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija, ikun qiegħed fil-qrib ta' ħwienet oħra b'liċenzja għall-bejgħ ta' xorb ieħor mhux spiritu;*

*(v) Li l-post ikun imniffed ma' dar ta' abitazzjoni.'*

Minn dan t'hawn fuq jirriżulta b'mod l-aktar ċar li liċenzja għal ħanut li jbiegħ inbid, birra jew likuri spiritużi jingħata lil 'persuna' fiżika u mhux morali. Hija persuna fiżika li għandha l-eta', jew li għandha (hi, jew il-mara jew ir-raġel tagħha) kondotta nadifa.

6. Jerġa' fl-artikolu 5 (Tiġdid ta' liċenzji) fis-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (a) jiddisponi hekk:

(*iii) minabba il-kondotta ta' min għandu l-liċenzja, jew tal-mara jew tar-raġel ta' min għandu l-liċenzja tul l-aħħar tnax-il xahar.'*

Dan kollu jikkonferma li l-liċenzji jingħataw **personalmen**t lill-persuni fiżiċi u mhux lil xi soċjeta' kummerċjali.'

7. Il-licensee kemm tar-restorant kif ukoll tal-Paranga Restaurant kif ukoll tal-Paranga Bar huwa mniżżel bħala s-sur Ian De Cesare. Għal dak li huwa għoti tal-liċenzja dan hu li jisma' u mhux x'hemm fil-kaxxa Police Licence Details.

8. Isegwi li l-appellant seta' jkun imħarrek f'ismu u ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun indikat bħala d-direttur tal-Eden Hospitality Ltd.

9. Illi dwar dawn iz-zewg osservazzjonijiet, tajjeb li qabel xejn jkunu rikapitolati l-provi akkwiziti quddiem l-ewwel Qorti u dawk quddiem din il-Qorti konsistenti f'deposizzjonijiet mhux registrati fil-prim istanza.

10. Permezz ta' affidavit PC 741 K.Vassallo xehed illi fid-9 ta' Ġunju 2016 kienu rċevew diversi telefonati li kien hemm storbju ta' mużika fil-bajja ta' San Ġorġ, Paceville, eżattament fil-Paranga. Mar personalment fil-23.30 fuq il-post u sab attivita' b' mużika amplifikata b'volum għoli. Hemm intlaqa' minn Andrea Depasquale Schranz li qallu li kien organizza dik l-attivita' li mitlub juri l-permess qal li ma kellu ebda permess x'jurih iżda zgur kellu permess idoqq muzika;

11. PS 1540 E.Fenech xehed ukoll per via ta' affidavit u qal li kienet daħlet telefonata għall-ħabta tal- 22.40 li kien ġej storbju min-naha tal-istabbiliment Paranga max-xatt ta' San Ġorġ u ghalhekk kien kkomunika ma' WPC 336 sabiex tordna li titbaxxa l-mużika. Fil-23.15 reġghet dahlet telefonata ohra dwar dan l-istorbju kif ukoll li kien qed jinharaq xi nar

[riferibilment ghal-xi loghob tan-nar] u baghat lill-PC 741 sabiex jara jekk il-mużika kienitx għadha tindaqq, irrizultalu li kien hekk izda li ma kien hemm ebda nar jinharaq u pproceda billi hareg l-akkużi fil-konfront ta' Ian De Cesare li huwa s-sid tal-post Paranga;

12. Quddiem din il-Qorti, ghar-raguni illi d-deposizzjoni tax-xhud li xehed quddiem l-ewwel Qorti ma kienitx registrata, xehedet Marisa Lisa Buttigieg, rappreżentanta tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta. Din kkonfermat l-kopji tal-liċenzji maħruġa mill-Awtorita' tat-Turiżmu, waħda għar-restaurant u l-oħra għall-Bar. Dawn maħruġin f'isem Ian De Cesare li jaġixxi għan-nom ta' Eden Hospitality Limited li topera il-Paranga Restaurant;

13. Kwantu ghal-provi dokumentarji ssir referenza ghad-dokument a fol 9 li huwa kopja ta' licenzja ghall-gestjoni ta' restaurant bl-isem Paranga Restaurant mahruga fuq Ian Decesare bhala *licensee*. Dak a fol 10 huwa ukoll kopja ta' licenzja tal-istabiliment Paranga Bar bhala "Bars with amplified music" ukoll fuq Ian Decesare bhala *licensee;*

14. It-tieni parti tal-ewwel lanjanza naturalment timmerita li tkun deciza *in primis* ghaliex jekk ma tirrizultax il-prova li l-istabbiliment kien qed ikun operat dak il-hin, allura r-rizoluzzjoni tal-aggravji l-ohra jkun inutili. Din il-kwistjoni mhix wahda frivola ghaliex l-ewwel Qorti stess osservat illi "*Ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni Dean Camilleri xehed katergorikament u b'insistenza li l-istorbju mertu ta' din il-kawza kien gej mill-istabbiliment ossia minn dik i-parti tal-*

*bajja bl-isem "Intercontinental Beach Concession".* *Anke mistoqsi direttament minn din il-Qorti jekk l-istorbju minnu indikat kienx gej mill-istabbiliment bl-isem "Paranga", huwa insista li kien gej mill-istabbiliment bl-isem "Intercontinental Beach Concession".* Kien dan il-mottiv li rradika konvinciment fl-ewwel Qorti li ma kienx hemm prova sufficjenti biex tinstab htija dwar l-istorbju u ghalhekk illiberat lill-imputat minn dik l-imputazzjoni;

15. Meta, izda, ezaminata d-deposizzjoni tax-xhud prinicpali u prattikament l-uniku xhud, li mar fuq il-post biex jara x-kienet l-origini tal-istorbju, PC 741 jghid hekk: " *Jiena avvicinajt lejn il-bajja fejn resaq lejha [lejja] certu Andrea Depasquale Schranz ID 129273m fejn infurmani li kien organizza din l-attivita. Meta staqsejtu ghal-permess u licenzja biex jopera biex nara x'hinijiet hemm ghal-muzika, dan qalli li ma kellux permess x'jurini izda qalli li sal 11pm zgur kellu permess ghal-muzika".* Ix-xhud mkien ma jghid li dahal fir-ristorant, rah qed jopera u bil-bar miftuh anzi jghid li malli avvicina l-bajja resaq lejh is Sur Shranz. Frankament il-Qorti kienet tistenna deposizzjoni aktar preciza minn ufficcjal pubbliku adett miz-zamma tal-ordni pubbliku ghaliex jekk dahal fir-ristorant allura missu qal hekk pero' jidher li fir-ristorant ma dahalx tant li s-Sur Shranz qallu li ma kellux permessi x'juri ghal dik l-"attivita"'. Tajjeb li jinzamm fil-mira illi l-permessi tal-hwienet, inkluz allura tar-ristoranti u bars iridu jkunu esposti fil-fond u huwa evidenti illi l-indagini saret fuq il-bajja minflok gewwa r-ristorant;

16. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun fl-ilment tieghu li ma ngiebitx il-prova, ossia *"hu eskluz mill-provi"* li l-bar tar-ristorant kien qed ikun operat dak il-hin;

17. Illi dan il-fatt wahdu kellu jkun konsiderat bhala mankanza serja fil-provi tal-prosekuzzjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tikkonkludi illi r-ristorant kien miftuh u funzjonanti f'dak il-hin u li t-tmexxija tieghu kienet f'idejn Andrea Depasquale Schranz sabiex minn hemm imbaghad ghaddiet biex issib htija li l-imputat ippermetta lil dan tal-ahhar biex jghamilha ta' sostitut minghajr il-licenzja debita;

18. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun f'dan il-gravam u konsegwentement filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra, tilqa' l-ewwel talba billi thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.